MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 1559/2003/1

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance surrogati fid-drittijiet ta' Anna Trakosopoulou u l-istess Anna Trakosopoulou**

**vs**

**Joseph Fenech**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-8 ta' Awissu, 2003 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 627.31 (Sitt mitt lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmi) rappreżentanti danni

kawżati f'inċident stradali nhar il-11 ta' Novembru, 2002 fix-Xatt tal-Pieta'.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli għal inċident stradali li seħħ fil-11 ta' Novembru, 2002 fix-Xatt tal-Pieta' bejn Marina numru HAE 443 misjuqa mill-konvenut u Fiat Punto numru GAQ 479 misjuqa minn Dino Trakosopoulou, flimkien ma' kundanna lill-konvenut li jħallas, in linea ta' danni Lm 527.31 (ħames mija u sebgħa u għoxrin lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmu) lil Untours Insurance Agency Ltd noe u Lm 100 (mitt lira Maltija) lil Anna Trakosopoulou.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' llum ai termini tal-Kap 104 u bl-imgħax minn notifika ta' dana l-avviż kontra l-konvenut li hu nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn ingħad:-

a) Illi t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li t-tort kien kompletament ta' l-attriċi kif surrogata u dan kif se jiġi ampjament ippruvat mill-istess konvenut;
b) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke l-ammont pretiż hu kompletament kontestat stante l-eċċessivita' ta' l-ammont pretiż meta l-inċident ma tax lok għall-ammont ta' ħsara kif allegat.
Salv eċċezzjonijiet oħra.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jirriżulta li l-konvenut għalkemm b'mod ta' diversitajiet biex jagħti x-xhieda tiegħu u jipproduċi x-xhieda minnu, huwa naqas min dan. Illi għalkemm ikkontesta sia r-responsabbilita' u sia d-danni, l-istess kontestazzjoni ma saritx kif suppost.

Illi l-oneru tal-prova huwa fuq min jallega mhux fuq min jinnega. Pero', dan l-oneru għandu jiġi sodisfatt mill-attur

sal-grad tal-probabilita'. Fil-fehma tat-Tribunal dan l-oneru jissodisfa ċertament il-pruvat.

Jiddeċiedi billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut u jilqa' t-talbiet attriċi u filwaqt li jsegwi fil-konfront min hu responsabbli għal dak l-inċident, jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' Lm 627.31, (sitt mija u sebgħa u għoxrin lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmu) bl-ispejjeż u nteressi kif mitluba."

Bl-appell introdott minnu l-konvenut jattakka r-*ratio decidendi* tas-sentenza appena riprodotta bl-obbjezzjoni illi t-Tribunal ma ghamelx analisi xierqa tal-fatti u li, inoltre, mexa serjament kontra d-dettami ta' l-ekwita`;

Fit-twegiba ghall-azzjoni promossa fil-konfront tieghu mis-socjeta` assiguratrici attrici, il-konvenut iddefenda ruhu fuq bazi duplici b' dawn l-eccezzjonijiet: (i) li t-tort ghall-incident kellu jigi attribwit lis-sewwieq l-iehor u (ii) li l-ammont ta' danni reklamati kien eccessiv. F' din is-sede, permezz ta' l-appell minnu mqanqal, il-konvenut qed jillimita ruhu ghat-tieni eccezzjoni in bazi ghal kontenzjoni illi l-hsarat allegatament subiti mill-assikurat tas-socjeta` attrici ma humiex kompatibbli mad-daqqa, u lanqas ma huma proporzjonali ghall-hsara li ssubiet il-vettura misjuqa minnu. Fuq din il-kontenzjoni tieghu huwa javvanza b' argoment il-proposizzjoni illi "l-appellat approfitta ruhu bil-bosta";

Hu necessarju illi qabel tidderimi u tiddeciedi l-ilmenti sostanzjali proposti, din il-Qorti jokkorilha tirregistra dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Bhala stat ta' fatt, in-nuqqas tal-konvenut appellanti li jixhed u li jressaq il-provi tieghu skond ir-regoli tal-kontradittorju;

(2) Bhala punt ta' dritt, filwaqt li huwa minnu li l-ekwita` tesigi li t-Tribunal jippresta attenzjoni lil kwadru

shih tal-provi, tali ezercizzju ghandu, b’ necessita` guridika, jigi kondott fl-ambitu tal-fatti konkretament ippruvati u mhux b’ valutazzjoni *in abstracto*;

(3) Ukoll bhal punt ta’ dritt processwali, huwa principju notorju illi l-gudikant hu fid-dover li jiddeciedi *iuxta alligata et probata*. Li jfisser li d-decizjoni tieghu ghandha tkun unikament estratta mill-provi offerti mill-partijiet u minn dawk ic-cirkustanzi l-ohra ta’ fatt, provati jew indizzjarji, hekk utili ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu;

(4) Ta’ importanza wkoll l-osservazzjoni illi d-disponibilita` tal-provi hi dejjem imhollija fl-inizzjattiva tal-parti. Dan anke ghaliex il-principju imperanti jibqa’ dejjem dak li l-oneru tal-provi jaggrava fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba biex issostni t-talba jew l-eccezzjoni;

Premessi dawn l-osservazzjonijiet gwida, fil-kaz prezenti l-appellanti jissottometti b’ argument illi, tenut qies tan-natura ta’ l-iskontru bejn iz-zewg vetturi, id-daqqa ma kienetx tiggustifika il-kwantum reklamat fi hsarat. Akkoppjat ma’ dan hemm fl-atti, skond l-appellanti, ir-rimarka tas-*surveyor* Anthony Mizzi, prodott mill-istess socjeta` assiguratrici attrici, illi “*damages to Punto GAQ – 479 could not have happened in this accident*” (ara Motor Vehicle Damage Assessment Report a fol. 55);

Kif kien jinkombi fuqha din il-Qorti ezaminat ir-rizultanzi istruttorji u minnhom tista’ taghmel dawn id-deduzzjonijiet:-

(1) Ir-rimarka appena riprodotta kienet il-konsegwenza ta’ l-ispezzjoni (21 ta’ Marzu 2003) li l-imsemmi Anthony Mizzi ghamel fuq il-vettura tal-konvenut xhur wara l-incident (11 ta’ Novembru 2002). F’ din l-okkazjoni huwa ma annota ebda hsara fuq din il-vettura u ghalhekk talab li jsiru l-verifiki opportuni mill-Assikurazzjoni attrici;

(2) Dan mhux sufficjenti biex jinnewtralizza l-kontenut tas-*survey* (fol. 45) minn dan l-istess xhud kondott fuq il-vettura ta’ l-assigurata u fejn fih annota l-hsarat li sofriet din il-vettura. Ara wkoll xhieda tieghu a fol. 41;

(3) Il-konstatazzjonijiet ta’ dawn il-hsarat huma wkoll korroborati mix-xhud indipendenti s-Surgent PS909 li kkonduca l-investigazzjoni. Ara deposizzjoni guramentata tieghu a fol. 34 u r-riljievi ta’ dawn l-istess hsarat fir-Road Accident Report a fol. 36;

Fil-kumpless, fuq l-istregwa ta’ dawn il-provi probatorji, huwa difficli ghal din il-Qorti li taccetta bhala argomenti valevoli s-sottomissjonijiet ta’ l-appellanti. Jekk, kif argomentat minnu, il-hsarat fuq il-vettura ta’ l-assigurat tas-socjeta` attrici ma kienux konfacjenti man-natura tad-daqqa hu kien messu pproduca provi li l-hsarat kienu tabilhaqq esagerati ghax ma setghux saru fl-incident *de quo.* Il-kondotta processwali ghas-sostenn tat-tieni eccezzjoni kienet tesigi dan minnu. Jekk hu baqa’ inattiv u non-kuranti allura m’ ghandux hlief ilum lilu nnifsu;

La darba c-cirkustanzi li jsemmi l-appellanti setghu u messhom gew rilevati quddiem it-Tribunal biex dan ikollu kwadru komplet u ezawrjenti tal-provi, kien f’ dak l-istadju li hu kien fid-dover li jgibhom ‘il quddiem ghas-soluzzjoni tal-kaz. Jekk xejn, biex jissodisfa l-allegazzjoni kostitutiva ta’ dik l-eccezzjoni tieghu. Din l-esigenza procedurali kienet maggorment tinhass fil-kawzi quddiem it-Tribunal adit ghar-raguni illi, skond l-ispirtu nformatur ta’ l-Att V ta’ l-1995, il-gudikatur hu meqjus bhala l-arbitru uniku ta’ l-apprezzament tal-fatti u dak l-apprezzament tieghu fuq dawk il-fatti ma kellux di regola jircievi sindakar minn din il-Qorti, ammenokke ma jkunx jirrizulta vizzju fil-motivazzjoni tas-sentenza jew, altrimenti, ksur tad-dritt ekwitativ. Cirkostanzi dawn, li f’ dan il-kaz ma jirrizultawx.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrigetta l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------